# Ċimiterji fil-Ħamrun



*minn Alfie Guallaumier*

Sa minn żmien bikri, il-bniedem ħaseb li għal wara mewtu jkollu dar oħra fejn ikun jista' jistrieħ fiha. Talanqas hekk kien jifhimha u b'din il-fehma bena oqbra u monumenti li għadhom il-meravilja arkitettonika sallum. Hekk naraw il-piramidi tal-Eġittu bħala eżempju u l-katakombi mxerrdin mad-dinja kollha. Anki aħna hawn Malta għandna katakombi l-ġmiel tagħhom u x'uħud minnhom għandhom graffiti u affreski li jorqmuhom, kif insibu f'dawk ta' Sant' Agata u ta' San Pawl, kollha fir-Rabat. Qed insemmi dawn it-tnejn biss għaliex f'Malta nsibu għadd ġmielu minnhom, imma mhux kollha għandhom il-graffiti. Dan biex nuru li l-konservazzjoni u l-qima li kienet tingħata lill-maħbubin kienet minn dejjem f'moħħ il-bniedem. Il-qabar mhux biss huwa l-mod kif issir id-difna, imma wkoll kif jibqa' miftakar jekk jista' jkun għal dejjem.

Il-knisja minn dejjem kienet titlob li l-bniedem għandu jingħata f'mewtu d-dinjità li tixraqlu u difna xierqa. Kien hemm żmien li xi pajjiżi kellhom id-drawwa (u ħafna għad għandhom) li jikkremaw il-mejtin tagħhom - prattika li l-knisja xejn ma kienet taqbel magħha.

Il-knejjes Maltin sa minn żmien ilu, kellhom id-drawwa u forsi anki l-obbligu li waqt il-bini tagħhom, jaħsbu biex ikollhom kannierja biex fiha jindifnu l-parruċċani tagħhom. Wieħed irid iżomm f'moħħu li f'dawk iż-żmenijiet il-popolazzjoni ta' Malta kienet żgħira, u għalhekk dak l-ispazju ta' taħt il-knisja. kien ikun biżżejjed. Ħafna rħula għadhom żgħar sallum, aħseb u ara meta nibtu. Dawn ma kienx ikollhom aktar minn ċirka mitt ruħ. Trid taħseb ukoll li l-biċċa l-kbira tal-ispazju tagħhom kien ikollhom oqbra tal-massa, għad li kien hemm min kellu qabar tal-familja wkoll. Dan kien jiddependi mid-dinjità tal-familja li kienet - forsi xi benefattur tal-knisja, allura jkun jixraqlu riserva għalih u għal familtu.

Imma f'bosta nħawi ta' Malta għadek tara ċimiterji żgħar imrekknin qalb l-għelieqi u anki ħdejn xi razzett jew quddiem xi kappella. Imma tara wkoll ċimiterji mdaqqsin, u dan forsi kien jiddependi wkoll skont l-għadd tal-popolazzjoni ta' dak id-distrett. Wieħed irid jirraġuna bl-esiġenzi u l-mentalità ta' dak iż-żmien. Mard kontaġġjuż bħalma huma l-kolera, l-pesta u mardiet oħra kienu jżuruna sikwit u dawn kienu jitolbu ċimiterji mbiegħdin mill-abitanti. Dan il-mard kien jiġi f'Malta wisq drabi minħabba x-xwieni li kienu jżuru portijiet fejn ikun feġġ dan il-mard. Għalkemm l-Ordni kellha l-liġijiet sanitarji tagħha, b'danakollu l-mard kien jirnexxielu jinfiltra fil-gżejjer tagħna. Fil-Belt, ħdejn Dar il-Mediterran, li dak iż-żmien kienet l-Isptar tal-Ordni, kien hemm kappella magħrufa bħala Ta' Nibbia fejn fiha kienu jindifnu dawk kollha li jmutu f'dak l-isptar. Illum din il-kappella tinsab imwaqqa' wara li ġiet milquta bil-bombi fl-aħħar gwerra. Kien bniha l-Kommendatur Fra Giorgio Nibbia fl-1731 u baqgħet magħrufa b'dak l-isem. Kien hemm il-ħsieb li xi darba din il-kappella terġa, tinbena, iżda dan il-ħsieb baqa' ma seħħx.

Anki aħna l-Ħamrun għandna ċimiterji u kellna aktar ukoll. Żewġ ċimiterji antiki ħafna huma dawk tal-Blata l-Bajda li llum minfloku hemm il-kappella fejn fiha jinsab midfun San Ġorġ Preca. Dan il-lok kien ċimiterju tal-kolera u tal-pesta. Kien miżmum tajjeb ħafna. Jien niftakru bl-għamla ta' maqrut, kif għadu hekk sallum, b'kolonna u b'salib għoli f'nofsu, u dejjem b'xi xemgħa tixgħel quddiemu. Fih kien hemm għadd ta' siġar tal-palm u mad-dawra kellu filliera balavostri u grada tal-ħadid fin-nofs. Fih kellu xi oqbra, u fil-gwerra li għaddiet ġew xi bombi fuqu li għamlulu xi ħsarat. Għalhekk l-Awtoritajiet Ekklesjastiċi ddeċidew li jneħħu l-għadam li kien hemm u jtuhom difna fiċ-ċimiterju. Meta darba l-Kappillan tal-Ħamrun kien qed ibierku, dak il-ħin inzerta għaddej l-Arċisqof Gonzi li waqqaf il-karozza tiegħu u nforma lill-Kappillan li hemm ma kienx hemm għadam. Kien f'dan iż-żmien li d-diriġenti tal-Mużew ħatfu l-opportunità u talbu dan il-lok biex fuqha jibnu knisja u l-kwartier ġenerali tagħhom. Dak iż-żmien kien Segretarju Ġenerali ċertu s-Sur Ġużè Schembri, u lili qalli li daqs tletin sena qabel (dak iż-żmien) kien imur ikejjel dak il-lokal bil-pass. Dan ifisser li kważi minn dejjem kien f'moħħ is-Soċjetà tal-Mużew li jieħdu taħt idejhom dan il-lokal, u dan minħabba ċ-ċentralità tiegħu. L-Arċisqof Gonzi ddikjara solennament li dak kien lok sagru u ma kien se jċedih qatt jekk ma tkunx xi entità sagra. Għalhekk il-Mużew talbuh għal dak l-iskop, ġie aċċettat u l-kuntratt għad-devoluzzjoni tiegħu




*Iċ-ċimiterju fi Blata l-Bajda fejn illum insibu d-dar ewlenija tal-Museum.*



sar fil-31 ta' Diċembru 1953. Nhar Santa Marija, fil-15 ta' Awwissu, 1954, Dun Ġorġ Preca bierek il-lok. Kien fis-7 ta' Ottubru, 1954 li tqiegħdet l-ewwel ġebla ta' din il-kappella li llum iżżejjen din ix-xaqliba. B'danakollu meta tal-Mużew kienu qed iħaffru u jħammlu l-ħamrija, sabu xi għadam li ma kienux intebħu bih fit-tħammil ta' qabel. Filfatt f'xi dokumenti ta' kuntratti li saru f'dik ix-xaqliba, jingħad li lil hawn kien jissejjaħ bħala xquq l-oqbra, bla dubju għal dan iċ-ċimiterju. Dan iċ-ċimiterju kienu jsibuh ukoll bħala Taz-Zuntier, u dan il-laqam jista' jkun ġej minħabba d-dawra ta' balavostri li kellu madwaru.

U la qed nitkellmu fuq dan iċ-ċimiterju, nixtieq inressaq daqsxejn ta' argument, u forsi, skont il-fehma tiegħi, jista' jkollu xi sens tajjeb. Min jaf! Aħna nafu li dawn l-inħawi ma kienux kif narawhom illum. Ngħidu aħna dak il-Musulew li llum naraw f'nofs il-wesgħa quddiem il-kappella, li sar xi erbgħin sena ilu kien fuq il-bankina. Dan ifisser li meta saret il-flyover ittieħdet biċċa mis-sur fejn illum naraw it-TeleMalta biex twessgħet it-triq biex hekk il-monument ta' Spencer ġie fin-nofs... u dan kontra dak li hemm min jgħid li l-musulew inħatt. Dan m'hu veru xejn. Ħdejn il-musulew kien hemm inħasa kbira biex minnha jixorbu ż-żwiemel. Ħdejh kien hemm il-bankijiet u min jaf kemm, jien u l-mara u t-tifel konna noqgħodu hemm.

Daqs sentejn ilu tħabbar li waqt xi tħammil li sar fil-ġnien tal-Marsa fejn hemm iċ-ċentru tal-HSBC instab xi għadam uman u qed jingħad li dak forsi kien ta' żmien l-Assedju l-Kbir u forsi hu l-fdal ta' xi Torok. L-argument tiegħi hu dan: fil-Budget tal-1861 (Ord. no Vll/61) il-gvern ivvota s-somma ta' 87 lira, seba' xelini u tliet soldi (87.7s.3d) biex jitkabbar iċ-ċimiterju fuq it-Triq ta' San Ġużepp, il-Ħamrun. U nirraġuna jien, jista' forsi jkun li dak il-fdal li sabu ftit metri 'l bogħod miċ-ċimiterju ta' fejn hemm il-kappella tal-Mużew, huwa l-istess estensjoni? Aħna qed nitkellmu dwar distanza qasira. Kemm taqsam it-triq. Dak hu l-argument tiegħi. Il-bqija nħallih għal min jixtieq jargumenta aktar.

Ċimiterju ieħor huwa dak ta' Braxia. Xi darba din in-naħa kienet magħrufa b'dan l-isem. Irridu ngħidu li l-Ingliżi ma kellhomx ċimiterju għalihom, għalhekk fittxew xaqliba li tkun qrib il-Belt Valletta. Casale San Giuseppe kienet l-aktar art qrib il-Belt u kienet iċ-ċentru ta' toroq oħrajn. Għalhekk fl-1857 infetaħ dan iċ-ċimiterju u billi hu qrib il-knisja żgħira ta' Tal-Pietà, ssemma' 'Pietà Military Cemetry'. Dan iċ-ċimiterju ma ħelishiex mir-rovina tal-gwerra li għaddiet. Maż-żmien kienet saritlu tidwira ħajt u ngħalaq bil-ħadid kif narawh illum.

Imma maż-żmien meta bdiet tonqos il-ħeġġa u naqset ukoll il-komunità Ingliża f'Malta, dan iċ-ċimiterju ġie żdingat, u kellha tkun is-Soċjetà 'Friends of Ta' Braxia Association' li ħadet ħsiebu u fl-2001 ġie restawrat.

Mħux ta' min iħalli barra ġrajja interessanti li seħħet ħdejn dan iċ-ċimiterju.



*Iċ-Ċimiterju ta' Brazia snin ilu int u sejjer lejl il-Bieb tal-Bombi.*

ilu jew aktar, ma kienx hawn kurrent elettriku, u l-aktar lejn in-naħa tal-Bieb tal-Bombi. Mela kull min kien jgħaddi minn dawn in-naħat, kien ikollu jimxi fid-dlam. Mela ċertu Nicola Buccia li kien Spettur tal-Pulizija u stazzjonat il-Belt, kien joqgħod il-Ħamrun flimkien ma' oħtu Emilja fin-numru 7 Triq San Ġwann. Darba minnhom meta spiċċa mill-għassa tiegħu ġibidha lejn il-Ħamrun kif forsi kien jagħmel is-soltu. Ħaġa tal-għaġeb, kif wasal ħdejn dan iċ-ċimiterju, ra mejda twila bix-xemgħat jixgħelu u għadd ta' nies imdawrin magħha jieklu. Xi ħadd li forsi kien jafu għajjat, 'Ejja kompli magħna Sur Buccia.' L-ispettur Buccia resaq ħalli jara min sejjaħlu u anki x'okkażjoni kienet. Imma ndieħex u twerwer meta ħares lejhom u ra li kollha kienu katavri.

Nicola Buccia wasal id-dar maħrub, imwerwer, intefa' ġo sodda, marad bil-qatgħa li ħa sakemm miet. Din l-istorja qalitielna oħtu, membru tal-Mużew, kif niftakarha jien meta kont għadni tifel. Mara serja ħafna u aħna konna nsejħulha s-sinjorina Buccia. Aħna konna noqgħodu bieb ma' bieb magħħa, u meta marret l-Imgieret fejn mietet, aħna morna noqgħodu minflokha. Aħna din l-istorja bqajna nirrakuntawha.



*Iċ-Ċimiterju ta' Braxia.*



Meta Gwardamanġa jew Tal-Pietà twaqqfet parroċċa għaliha indipendenti, ħadet biċċa mill-Ħamrun, inkluża l-Kappella tad-Duluri (Tal-Pietà) flimkien ma' tliet ċimiterji oħra li kienu fit-triq li tagħti lejn il-Ħamrun. Dawn kollha jinstabu ftit 'il fuq minn dak ta' Braxia u fuq wieħed minnhom hemm din il-kitba:-

"Ċimiterju tal-Kattoliċi li mietu fil-Kolera tal-1865"

Imma fiż-żmien, anki madwar il-kappella ċkejkna antika Tad-Duluri (Pietà) kien hemm aktar ċimiterji.

Wieħed irid jifhimha, li l-uniku ftuħ għall-Belt, kien Casale San Giuseppe. Huwa seta' joffri ftit arja minn dak l-għeluq u n-nuqqas ta' żvog li kien hemm fil-Belt. Filfatt, dawn kollha nsibuhom qrib il-Bieb tal-Bombi u mhux 'il bogħod aktar. Dan l-aħħar xhur qrajt li fil-Ħamrun kien hemm xi ċimiterju tal-Franċiżi. Fejn ma kienx hemm indikat. Jien qatt ma smajt bih, imma b'danakollu dan ma jfissirx li għax ma nafx bih jien, ma eżistiex. Kollox jista' jkun għax fl-imblokk tal-Franċiżi, suldati Franċiżi mietu wkoll. Mela dawn riedu jindifnu x'imkien. Jekk dan hu minnu, dan ifisser li f'Casale San Giuseppe (Il-Ħamrun) kien hemm nukleu ta' ċimiterji. Min jaf forsi kien hemm aktar u aħna ma nafux bihom. Iż-żmien u r-riċerka jistgħu juruna.